— Tannulla s-sentenza appellata.

— Tilqa' t-talba mressqa fl-ewwel istanza, b'mod partikolari, it-talba sussidjarja ta' annullament tal-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata.

— Sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza u, f'dan il-każ, tordnalha tipproduċi l-prova miċħuda.

— Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u tal-appell u lill-intervenjenti, Comunidad Autónoma de la Rioja, għall-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

(1) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li, f'dan il-każ, ma kienx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw aspettattivi leġittimi li l-miżura fiskali inkwistjoni kienet legali, ċirkustanzi eċċezzjonali li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ([1]) u l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu li jiġi ordnat l-irkupru tal-għajnuna. Żnaturament tat-termini tad-dibattitu tas-seduta u ksur tal-prinċipju ta' dritt għal smigħ. Ksur tal-ġurisprudenza li titratta l-motivazzjoni.

La d-differenza formali bejn il-miżura fiskali inkwistjoni u l-miżura li kienet is-suġġett tad-Deċiżjoni 93/337 ([2]), la l-fatt li l-Kummissjoni setgħet timmotiva l-kriterju ta' selettività b'element ieħor differenti minn dak espliċitament ipprovdut fid-Deċiżjoni 93/337, u lanqas id-dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà ipprovduta fid-Deċiżjoni 93/337 ma jikkostitwixxu, raġunijiet suffiċjenti skont id-dritt sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tikkunsidrax li kien hemm ċirkustanza eċċezzjonali li, waħeda jew flimkien maċ-ċirkustanzi l-oħra ta' din il-kawża, kienet tipprekludi lill-Kummissjoni milli tordna l-irkupru tal-għajnuna ikkonċernata li għaliha tirreferi d-deċiżjoni kkontestata.

Billi kkunsidrat li, għal raġunijiet ta' natura teknika fiskali u fid-dawl tal-portata tat-tnaqqis fiskali, il-miżuri inkwistjoni fil-Kawżi magħquda T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02 mhumiex simili għall-miżura inkwistjoni hawnhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat it-termini tad-dibattitu bejn il-partijiet fil-kawża, injorat il-prinċipju ta' dritt għal smigħ u, barra minn hekk, wettqet ksur manifest tal-ġurisprudenza stabbilita li titratta l-motivazzjoni.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-attitudni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-eżenzjonijiet fiskali tal-1993 kif ukoll fir-rigward tat-tnaqqis fiskali tal-Liġi 22/1993 ma tikkostitwixxix ċirkustanza eċċezzjonali li setgħet tiġġustifika xi tip ta' aspettattivi leġittimi dwar il-legalità tal-miżura fiskali inkwistjoni, ħaġa li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 kienet tipprekludi li jiġi ordnat l-irkupru tal-għajnuna peress li dan ikun imur kontra l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

(2) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza ma osservatx ir-regoli proċedurali dwar il-produzzjoni tal-prova u d-deċidiet li ma tilqax il-prova prodotta mill-appellant fir-rigward tal-produzzjoni ta' dokumenti speċifiċi tal-Kummissjoni li, fid-dawl tal-argumenti esposti mill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiċħad it-talba tal-appellant, jirriżulta li kienu essenzjali għad-difiża tal-interessi tagħha. Ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tad-drittijiet tad-difiża.

Il-Qorti tal-Prim' Istanza, billi ma pproduċietx il-prova mitluba, kisret id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tal-appellant, peress li ċaħdet talba għal produzzjoni ta' prova li hija essenzjali għall appellant, u b'dan il-mod kisret id-drittijiet tad-difiża ta' dan tal-aħħar peress li t-talba tiegħu nċaħdet abbażi tal-argument li ma pprovax, preċiżament, dak li huwa ried jipprova permezz tal-prova li ma ġietx prodotta: jiġifieri l-pożizzjoni definittiva espliċita tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ilment tal-1994 kontra miżura sostanzjalment adottata fl-1993, li hija ċaħdet, jew tal-inqas li l-attitudni tal-Kummissjoni kienet tikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali inkwantu tali aġir kien ħoloq aspettattivi leġittimi dwar il-legalità tal-miżuri fiskali tal-1993, ħaġa li wasslitu biex jadotta l-miżura fiskali inkwistjoni fl-1996

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/337/KEE, tal-10 ta' Mejju 1993, dwar sistema ta' għajnuna fiskali għall-investiment fil-Pajjiż Bask (ĠU L 134, p. 25).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-25 ta' Novembru 2009 — Charles Defossez vs Christian Wiart, stralċjatur ta' Sotimon SARL, Office national de l'emploi, CGEA ta' Lille**

**(Kawża C-477/09)**

(2010/C 37/19)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Charles Defossez

*Konvenuti:* Christian Wiart, fil-kwalità ta' stralċjatur ta' Sotimon SARL, Office national de l'emploi (fonds de fermeture d'entreprises), CGEA ta' Lille

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 8a tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom ([1]), kif emendata mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/74/KE, tat-23 ta' Settembru 2002 ([2]), li fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi li, meta impriża b'ħidmiet fit-territorji f'mill-inqas żewġ Stati Membri tkun fi stat ta' insolvenza, l-istituzzjoni responsabbli mill-ħlas tal-pretensonijiet pendenti tal-impjegati għandha tkun dik fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu dawn jaħdmu jew jaħdmu normalment u, fit-tieni paragrafu tiegħu, jipprovdi li l-kobor tad-drittijiet tal-impjegati jiġi stabbilit mil-liġijiet li jirregolaw l-istituzzjoni kompetenti tal-garanzija, għandu jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi l-istituzzjoni kompetenti bl-esklużjoni ta' kull istituzzjoni oħra, jew, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva, li huwa dak li jiġu kkonsolidati d-drittijiet tal-ħaddiema li jgħamlu użu mil-libertà ta' ċirkolazzjoni tagħhom u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 ta' din l-istess direttiva, li jgħid li din ma taffettwax l-għażla tal-Istati Membri li japplikaw jew idaħħlu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jaqblu aktar lill-impjegati, għandu jiġi interpretat bħala li ma jiċħadx lill-impjegat mid-dritt li jgawdi, minflok mill-garanzija ta' din l-istituzzjoni, minn dik l-iktar favorevoli tal-istituzzjoni li min jimpjegħom ikun assigurat magħha u jikkontribwixxi għaliha b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali?

([1]) ĠU L 283, p. 23.
([2]) ĠU L 270, p. 10.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Tarragona (Spanja) fit-30 ta' Novembru 2009 — Proċeduri kriminali kontra Maguette Gueye**

**(Kawża C-483/09)**

(2010/C 37/20)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Tarragona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Magatte Gueye

*Konvenuti:* Ministerio Fiscal u Eva Caldes

**Domandi preliminari**

(1) Id-dritt tal-vittma li jkun mifhum, li jinsab fil-Premessa 8 tal-preambolu tad-Deċiżjoni Kwadru ([1]), għandu jiġi interpretat bħala obbligu pożittiv tal-awtoritajiet tal-Istat responsabbli mill-prosekuzzjoni u l-piena tal-aġir kriminali, li jippermetti li l-vittma tesprimi l-evalwazzjonijiet tagħha, ir-riflessjoni u l-fehma tagħha fuq l-effetti diretti fuq il-ħajja tagħha li jistgħu jirriżultaw mill-impożizzjoni ta' pieni fuq il-ħati li miegħu l-vittma kellha relazzjoni familjari jew relazzjoni emozzjonali qawwija?

(2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu tal-Istati li jirrikonoxxu d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-vittma jfisser li l-Istati għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fehma tal-vittma meta l-pieni li jirriżultaw mill-proċess kriminali jistgħu jippreġudikaw b'mod ċentrali u direttament l-eżerċizzju tad-dritt tagħha għall-iżvilupp ħieles tal-personalità tagħha u tal-ħajja privata u tal-familja tagħha?

(3) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet tal-Istat ma jistgħux jonqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni r-rieda ħielsa tal-vittma meta topponi għall-impożizzjoni jew għaż-żamma fis-seħħ ta' ordni li ma tavviċinax il-vittima meta l-ħati huwa membru tal-familja u ma tirriżulta ebda sitwazzjoni oġġettiva ta' riskju ta' ripetizzjoni tar-reat, u fejn jista' jiġi evalwat li hemm livell ta' kompetenza personali, soċjali, kulturali u emozzjonali li jeskludi kwalunkwe possibbiltà ta' sottomissjoni għall-ħati, jew, għall-kuntrarju, li tali ordni għandha tiġi kkunsidrata xierqa f'kull każ fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn ir-reati?

(4) Meta l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI, jipprovdi li l-Istati għandhom jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni lill-vittma, dan għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-impożizzjoni ġenerali u vinkolanti ta' miżuri ta' projbizzjoni ta' avviċinament jew ta' projbizzjoni ta' kull kuntatt taħt pieni aċċessorji fil-każijiet kollha fejn il-persuna hija l-vittma ta' reati kommessi fil-familja, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn ir-reati, jew, għall-kuntrarju, li l-imsemmi Artikolu 8 jirrikjedi li ssir evalwazzjoni b'mod individwali li biha jista' jiġi identifikat, każ b'każ, il-livell xieraq ta' protezzjoni fid-dawl tal-interessi kunfliġġenti inkwistjoni?

(5) L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li tiġi eskluża b'mod ġenerali l-medjazzjoni fil-proċessi kriminali li jinvolvu reati kommessi fil-familja fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn ir-reati jew, għall-kuntrarju, il-medjazzjoni għanda tiġi permessa wkoll f'dawn it-tip ta' proċeduri, billi każ b'każ, jintiżnu l-interessi kunfliġġenti inkwistjoni?

([1]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, tal-15 ta' Marzu 2001, dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċeduri kriminali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 72)